MALTA RESOURCES AUTHORITY

# Reġistrazzjoni tal-bowsers li fihom jinġarr l-ilma

L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi tixtieq tiġbed l-attenzjoni tas-sidien tal-bowsers li skont l-Avviż Legali 167 tal-1997 kif emendata bl-Avviż Legali 426 tal-2007 kull vettura li tintuża għall-ġarr tal-ilma teħtieġ li tkun reġistrata.

Il-liġi tirreferi għal kull tip ta' vetturi li jintużaw biex jinġarr l-ilma, inkluż ilma tad-drenaġġ, ilma baħar, ilma tax-xita, skart likwidu industrijali, ilma ta' taħt l-art u ilma salmastru.

Skond ir-Regolament 3 tal-Avviż Legali r-reġistrazzjoni trid issir minn sid il-vettura jew rappreżentant legali tiegħu. L-applikazzjoni għandha tinkludi d-dettalji u l-ispeċifikazzjonijiet kollha mitluba fosthom il-mudell tat-trakk, in-numru tal-magna u tax-chassis, il-piż massimu tat-trakk mgħobbi, kemm jesa' u l-kategorija tal-ilma li jġorr. Sidien ta' trailer-tankers iridu jagħtu dettalji tekniċi kif mitlub mill-Awtorità dwar it-Trasport meta tinħareġ il-liċenzja tat-triq.

Mar-reġistrazzjoni tal-bowser irid jitħallas dritt amministrattiv ta' €69.88 li jitħallas lill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi. Jekk bowser ikun reġistrat minn aktar minn persuna waħda, jitħallas dritt amministrattiv wieħed biss.

L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi twissi li se jittieħdu passi legali kontra min jonqos li jirreġistra l-vettura jew it-*trailer* jew li jissottometti l-informazzjoni żbaljata.

Kopja tal-applikazzjoni tista' titniżżel mill-websajt www.mra.org.mt

19.02.2009

MRA/PR 4/09

*Malta Resources Authority, Millennia, Aldo Moro Road, Marsa MRS 9065, Malta.*
*Tel: +356 21220619; Fax: +356 22955200 E-mail: enquiry@mra.org.mt*